KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 13/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 25 ta' Mejju 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Emanuel Abela |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Erbgħa, 19 ta' Mejju, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 12/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Magazine tal-Kunsill ghal zmien il-festa.
5. Tindif ta' *Msida Creek* – Gostra 2010
6. Ġieħ Mertu Msida 2010
7. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
9. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 13/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 12/K6/2010

483. Is-Sindku ressaq il-minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

484. Dwar minuta 446(f), M Agius qal li l-aħħar żewġ sentenzi għandhom jinqalbu.

485. Dwar minuta 481, M Baldacchino qalet li il-kliem 'E Brincat' fit-tielet sentenza għandu jkun 'M Baldacchino'.

486. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

487. Dwar minuta 446(a), Dott. Grima saqsa lis-Sindku kienetx saret il-laqgħa mal-Onor. Dott. Chris Said dwar il-*hamlet* tas-Swatar u jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku qal li kien għadu ma għamilx laqgħa ma Dott. Said, iżda għada il-Kunsilliera jistgħu jattendu laqgħa apposta dwar din il-materja fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

488. Dwar minuta 445, C Selvaggi qal li l-*bins* għall-ħmieġ tal-klieb ġew stallati.

489. Dwar minuta 449, C Selvaggi saqsa lil E Brincat jekk tneħħietx il-kaxxa safra li nżebgħat quddiem tal-form fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku qal li talab l-Ispettur biex jivverifika.

490. Dott. Grima saqsa jekk il-kumpanija msemmija f'minuta450 ħallsitx l-ammonti dovuti lill-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Il-Kunsill qabel li nimxu mal-*bye-law* u jinqalaw ir-riklami tla-kumpanija li qegħdin fuq propjeta amministrata mill-Kunsill.

491. Dott. Grima saqsa sarits il-manutenzjoni msemmija f'minuta 478. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

492. Dwar minuta 480, is-Sindku qal li kellu meeting mal-Ispettur tal-Għassa dwar is-sitwazzjoni ta' konġestjoni ta' traffiku quddiem l-Istabilment ta' *Vivien Commercials* fi Triq it-Torri. Is-Sindku qal li l-Ispettur għandu jkellem lil sid in-negozju.

493. Dwar minuta 481, Dott. Grima saqsa jekk l-ittra għal kjarifika mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni intbgħatitx. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

494. Dwar minuta 458, M Agius qal illi huwa talab għal laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni sabiex tiġi diskussa il-materja ta' divoluzjoni tal-Iskola Mater Dei.

495. Dwar minuta 456, M Agius saqsa ġewx mibgħuta il-gwardjani lokali fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex nhar ta' Ħadd. Is-Segretarju preżenta korrispondenza li turi li l-kumpanija tla-gwardjani lokali ma kelliex gwardjani *available* nhar ta' Ħadd biex tkun tista tgħati dan is-servizz.

Punt 3 Korrispondenza

496. 0788 – Is-Segretarju spjega li din il-korrispondenza mill-MEPA qegħda tinforma lill-Kunsill illi l-applikazjoni għal *embellishement* fi Ġnien Ġuże Ellul Mercer ma ġietx approvata mill-Awtorita. Il-Kunsill talab lis-Segretarju jivverifika r-raġuni għaliex l-applikazjoni ma ġietx approvata, peress illi jidher li l-applikazjoni u/jew il-pjanti sottomessi ma sarux tajjeb, peress li ma ġewx segwiti materji bażilari tal-ipjanar.

497. 1811 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li rappreżentant jiltaqa ma tal-MUSEUM sabiex jara x'jista jsir. Iżda il-Kunsill qabel fil-prinċipju mat-talba tal-MUSEUM.

498. 0816 – Is-Sindku qara l-ittra. Is-Sindku spjega li ntrebħu fondi addizjonali, sabiex l-Kunsill Lokali Msida, flimkien ma Kunsilli Lokali oħra li jgħamlu parti mill-Kuleġġ St Tereża, jgħamlu pjan ta' żvilupp sostenibli fl-iskejjel tla-Kuleġġ.

499. 0818 – Is-Segretarju qal li din il-korrispondenza tirrigwarda l-għoti ta' fondi addizjonali lill-Kunsill Lokali Msida sabiex jinħareġ tender ta' *resurfacing* ta' toroq (Triq il-Punent u Triq Prinċipessa Margerita) fuq il-prinċipju ta' *Public Private Partnership*.

500. Is-Sindku qara ittra, mhux reġistrata, ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali għax-xogħol ta' *resurfacing* li sar fi Triq il-Baċir.

501. 0865 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jiffirma din il-petizjoni.

502. 0857 – Is-Sindku qara korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier E Brincat fejn dan talab li isir *resurfacing* fi Triq il-Ġostra. Il-Kunsill qabel.

503. 0871 – Is-SIndku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jgħamel laqgħa dwar il-materja ta' użu tal-bollards madwar il-Monument tal-Ħaddiem mill-kumpanija AVIS bi ħlas skond il-*bye-law* tal-Kunsill Lokali. C Selvaggi qal li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn mill-Kumpanija u mil-Pulizija dwar jekk it-tank fejn jaħżnu l-petrol il-kumpanija hux regolat kif suppost. Dott. Grima qal li dawn iż-żewġ materji ma għandomx x'jaqsmu ma xulxin.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

504. Is-Segretarju ressaq kwotazjoni mill-Kumitat tal-Armar sabiex isir fustun madwar is-siġar kollha li jinsabu quddiem il-Knisja Parrkjali għal waqt l-attivita *f'Xatt l-Imsida* sat mien Settembru, sabiex fis-sajf dan il-ġnien ikun mdawwal kif xieraq. Il-Kunsill approva il-kwotazjoni ta' €1000 (VAT inkluż).

505. M Agius qal li aktar kmieni dan ix-xahar huwa bgħat e-mail lis-Segretarju sabiex jilmenta dwar il-mod kif jiġi mwieġeb it-telefon mir-*receptionist* tal-Kunsill. Huwa spjega każ fejn ir-*receptionist* sempliċiment qalet lil resident illi il-Kunsillier M Agius ma jkunx fl-uffiċju, minflok kienet pro-attiva u tgħata id-dettalji fejn din setgħat taqbad lil Kunsillier fuq il-mobile.

506. Il-Kunsilliera saqsew lis-Segretarju fuq il-korrispondenzi b'numri: 768; 773; 866; 867; 869; 875. Is-Segretarju spjega l-korrispondenzi varji.

Punt 4 Magazine tal-Kunsill ghal żmien il-festa.

507. Is-Sindku spjega l-email illi huwa bgħat lill-Kunsilliera, fejnhuwa informa lill-Kunsilliera illi huwa jixtieq li kulħadd jikteb dwar id-dekasteru tiegħu sabiex ma jkunx hemm duplikazjoni fl-artikli. Is-Sindku qara l-email li bgħat Dott Grima bħala risposta għal email preċedenti tas-Sindku. Il-Kunsill qabel li kulħadd jikteb fuq xiex irid u huwa umbgħad id-dover tal-editur sabiex jara kif jiġi mqassam u/jew koreġut l-magazine u l-artikli ta' ġo fiħ.

Punt 5 Tindif ta' *Msida Creek* – Gostra 2010

508. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi hemm probabilta' kbira illi il-Gostra din is-sena ma issirx peress illi hemm ammont ta' ħama sostanzjali taħt l-arblu tal-Ġostra, u għalhekk ma fadalx biżżejjed fond fil-baħar biex tkun tista issir din it-tradizjoni mingħajr periklu. Is-Sindku qara ittra illi huwa kiteb lic-Cermen ta' transport Malta fejn dan ġie mgħarraf bis-sitwazjoni u talbu jirrimedja malajr kemm jista jkun. Il-Kunsill qabel li ssir pressjoni fuq l-Awtorita sabiex isir it-tindif neċessarju.

Punt 6 Ġieħ Mertu Msida 2010

509(a). Il-Kunsill qabel li bħala programm għal Jum l-Imsida illi jaħbad nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2010, għanda issir quddies, ċerimonja fejn tingħata l-Onorifiċenza, u riceviment kif isir is-soltu mal-għaqdiet tal-lokal u dinjitarji oħra.

509(b). Il-Kunsill qabel li jinfetħu in-nominazjonijiet għal min ser pingħata din l-medalja, u sabiex jitwaqqaf bord tal-għażla indipendenti sabiexjirrakomanda dwar min għandu jingħata l-onorifiċenza. Dan għandu jkun immexxi mis-Sur Cassar Naudi.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

509 (c) Il-Kunsill qabel ukoll biex is-Sindku, M Baldacchino u Dott. Grima jiltaqgħu sabiex iduru u jemendaw kif hemm bżonn il-lista tal-mistednin għar-riċeviment.

Punt 7 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

510. M Baldacchino ħarġet mil-laqgħa. Ħin: 19.14

511. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min13 għall-approvazjoni.

512. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Dott. Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 8 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.

513. Is-Sindku qara ir-rapport mis-Sotto Kumitat tal-Anzjani. Dan ġie approvat.

514. M Agius qal illi ntbgħatet *final reminder* lil Korporazzjoni Enemalta sabiex jiġu proċessati malajr l-applikazzjonijiet tal-Kunsill għal bozzoz ġodda fit-toroq.

515. Is-Sindku salsa lil M Agius jekk kienx hemm progress fuq is-sitwazzjoni tas-siġar ta' Triq il-Wied. M Agius qal li bgħat *reminder* ieħor.

Punt 9 Affarijiet oħra jekk urġenti

516. E Abela qal li hemm bżonn li l-Kunsill jgħamel manutenzjoni fuq l-irħama tal-bust ta' Jhonny Catania. E Abela ressaq ukoll sabiex issir arma tal-Kunsill Lokali Msida mac-Ċentru Civiku. Il-Kunsill qabel.

517. M Agius qal li hemm bżonn li isir *refreshing* tas-sinjali tat-traffiku madwar l-inħawi tal-Qroqq.

518. Dott Grima ressaq biex titjieq il-bankina fi Triq it-Torri u sabiex issir manutenzjoni fuq il-bankina quddiem l-istabilment *Arcidiacono*.

519. C Selvaggi qal li għanda issir motorcycle bay quddiem *Dream Flats* fi Triq Victor Denaro.

520. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.41

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com